# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 16 ta’ Mejju, 2019**

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 155/12JRM**

Godfrey **CIANGURA**

vs

**MINISTERU TAL-INTERN U AFFARIJIET PARLAMENTARI** u l-Kumitat tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-15 ta’ Frar, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti ssib (i) li ċ-ċaħda min-naħa tal-Kumitat imħarrek li jġeddidlu l-*OMAS Pass* biex seta’ jidħol f’imkejjen ta’ sigurtà fl-Ajruport kienet waħda abbużiva għaliex mhux raġonevoli, għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (ii) issib li minħabba dak ir-rifjut, l-imħarrkin, jew min minnhom, ikkawżawlu danni; (iii) tillikwida d-danni kkawżati lill-attur; u (iv) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Frar, 2012[1] li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba mressqa fit-23 ta' Marzu 2012, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni tal-attur billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni waqgħet billi tressqet wara ż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi, sa dakinhar li l-attur fetaħ il-kawża, kien ilhom li għaddew is-sitt xhur minn mindu l-attur kien mgħarraf biċ-ċaħda li jinħariġlu mill-ġdid il-Pass li talab; li l-ebda wieħed minnhom ma kien il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-ebda wieħed minnhom ma huwa dipartiment tal-Gvern inkarigat mill-ħruġ tal-imsemmi Pass; u wkoll li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex l-attur naqas li jħares dak li titlob il-liġi fl-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi ma interpella lil ħadd b'att ġudizzjarju qabel ma fetaħ il-kawża. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet tiegħu ma humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u l-Qorti ma għandhiex tilqagħhomlu għaliex kien hem raġunijiet tajbin u serji biżżejjed biex iwasslu għaċ-ċaħda tal-ħruġ tal-Pass lill-attur minħabba preċedenti penali li kienu joħolqu riskju għas-sigurtà fl-Ajruport li kieku kellu jitħalla jinqeda b'dak il-Pass. Iżidu jgħidu li l-ħruġ u l-għoti ta' użu tal-imsemmi *OMAS Pass* jinsab regolat b'dispożizzjonijiet ta' Regolament Ewropew[2] li jitolbu skrutinju mirqum fuq min għandu jkollu aċċess għal imkien ta' sigurtà f'postijiet sensittivi. Fir-rigward tat-talba tal-attur, kien sar stħarriġ b'reqqa tal-imgħoddi tiegħu u nstab li kien hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw li ma jinħariġlux il-permess li talab. Ċaħdu wkoll li huma b'xi mod għamlu xi ħaġa li setgħet ġabet danni lill-attur, u li jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tasal biex issib li l-attur jistħoqqlu jitħallas xi danni, għandha tqis li dan jitkejjel biss minn meta t-talba għall-ħruġ tal-Pass ma ntlaqgħetx l-ewwel darba fl-2010 u wkoll li, biċ-ċaħda tal-ħruġ tal-Pass, l-attur xorta waħda seta' jibqa' jaħdem fejn kien, imbasta ma jidħolx f'imkejjen ristretti sensittivi għas-sigurtà;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Mejju, 2012[3], li bih ordnat li jsir bdil fl-isem ta' waħda mill-partijiet imħarrkin u kif ukoll fir-Rikors Maħluf għall-finijiet tal-artikolu 175 tal-Liġijiet ta' Malta, u li bih ordnat illi qabel kull ħaġ'oħra, kellha ssir it-trattazzjoni tal-ewwel u tat-tielet eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-nota mressqa mill-imħarrkin fil-5 ta' Ġunju 2012[4] b'affidavit mehmuż magħha;

---

[1] Paġġ 32 u 33 tal-proċess
[2] Reg. 2320/02(KE) kif mibdul bir-Reg 300/08(KE)
[3] Paġ. 43 tal-proċess
[4] Paġġ 46 sa 51 tal- proċess

Rat in-nota tal-attur imressqa fil-11 ta' Ġunju 2012[5] b'dokumenti mehmużin magħha;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2012[6], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati imressqa minnhom fis-27 ta' Lulju 2012[7];

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2012[8] li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari;

Rat ir-rikors tal-attur tal-21 ta' Diċembru 2012[9], li bih talab lill-Qorti tagħtih żmien biex iressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-21 ta' Diċembru, 2013[10], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilminta minn deċiżjoni li biha kienet miċħuda talba tiegħu biex jerġa' jingħata l-*OMAS Pass* li bis-saħħa tiegħu jkun jista' jidħol fi mkejjen tal-Ajruport li huma meqjusa bħala nħawi ta' sigurtà. Huwa jgħid li ċ-ċaħda ma kinitx mistħoqqa u, agħar minn hekk, kienet waħda diskriminatorja għaliex hu ma ngħatax trattament bħalma ngħataw xi wħud oħrajn li kienu jaħdmu miegħu u li lilhom kien raġa' ngħata l-Pass minkejja li kienu ttieħdu proċeduri kriminali kontra tagħhom ukoll. Huwa jgħid li, minħabba din iċ-ċaħda, ġarrab danni li jridu jagħmlu tajjeb għalihom l-imħarrkin;

[5] Paġġ 53 sa 57 tal- proċess
[6] Paġ. 62 tal-proċess
[7] Paġġ 63 sa 65 tal- proċess
[8] Paġ 67 tal -proċess
[9] Paġ 68 tal- proċess
[10] Paġġ. 71 – 3 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni waqgħet billi tressqet wara ż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi, sa dakinhar li l-attur fetaħ il-kawża, kien ilhom li għaddew is-sitt xhur minn mindu l-attur kien mgħarraf biċ-ċaħda li jinħariġlu mill-ġdid il-Pass li talab; li l-ebda wieħed minnhom ma kien il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-ebda wieħed minnhom ma huwa dipartiment tal-Gvern inkarigat mill-ħruġ tal-imsemmi Pass; u wkoll li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex l-attur naqas li jħares dak li titlob il-liġi fl-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi ma interpella lil ħadd b'att ġudizzjarju qabel ma fetaħ il-kawża. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attur kien għamel żmien jaħdem fit-taqsima tas-Sigurtà mal-kumpannija nazzjonali tal-ajru l-Air Malta. Billi kienu nbdew proċeduri kriminali kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, tneħħielu l-*OMAS Pass*[11] li kien jagħtih aċċess għall-imkejjen riservati tal-ajruport;

Illi malli ntemmu l-proċeduri kontra l-attur, fi Frar tal-2009, il-Kumitat imħarrek intalab jikkunsidra talba mressqa mill-attur biex jerġa' jingħatalu lura l-Pass. Il-Kumitat bagħat jgħarraf lill-Air Malta li t-talba ma kinitx intlaqgħet. F'Mejju tal-2010, il-Kumitat reġa' stħarreġ it-talba u fit-28 ta' Settembru ħa d-deċiżjoni li lill-attur ma kellux jerġa' jinħariġlu l-Pass. B'ittra mibgħuta mill-Kumitat imħarrek fl-20 ta' Ottubru, 2010 lill-prinċipal tiegħu (l-Air Malta) t-talba biex l-attur jerġa' jinħariġlu l-Pass reġgħet ma ntlaqgħetx;

Illi fit-13 ta' Ottubru, 2010[12], hu qabbad avukat biex jikteb f'ismu ħalli jerġa' jinħareġ il-Pass. Il-Kumitat bagħat iwieġeb fid-29 ta' Ottubru, 2010[13], li kien qiegħed jikkonferma d-deċiżjoni li kien ħa x-xahar ta' qabel dwar l-attur. L-attur kiteb ukoll permezz ta' avukati oħrajn[14] u f'Diċembru tal-2010 l-attur ressaq ilment quddiem l-Ombudsman. Madankollu, fid-9 ta' Jannar 2012[15], l-Uffiċċju tal-Ombudsman bagħat jgħarraf lill-attur li ma setax jirrakkomanda l-ħruġ tal-Pass, ladarba laħqu daħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet ġodda fil-liġi li jirregolaw il-ħruġ ta' Pass[16];

Illi sadattant, l-attur reġa' kiteb bl-avukat lill-Kumitat imħarrek f'Diċembru tal-2011[17], biex jitolbu jerġa' jqis il-każ tiegħu. B'ittra tat-30 ta'

---

[11] *Office of the Manager of Airport Security Pass* (illum jissejjaħ AVSEC)
[12] Dok "MB1", f'paġ. 48 tal-proċess
[13] Dok "I4", f'paġ. 57 tal-proċess
[14] Dokti "MB2" u "MB3", f'paġġ. 49 – 51 tal-proċess
[15] Dok "I", f'paġ. 54 tal-proċess
[16] Riferenza għall-Avviż Legali 488 tal-2011 Regolamenti tal-2011 dwar is-Sigurtà fl-Ajruport (*Background Checks*) (L.S. 405.04)
[17] Dok "I3", f'paġ. 56 tal-proċess

Jannar, 2012[18], il-Kumitat imħarrek bagħat jgħarrraf lill-attur li ma kienx sejjer jilqa' t-talba tiegħu u seħaq li mexa miegħu b'mod korrett u bla ma iddiskrimina;

Illi fil-15 ta' Frar, 2012, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin maż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari mistħarrġa f'din is-sentenza jitolbu li l-Qorti tqis in-natura tal-azzjoni mnedija mill-attur. Ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju mressqa taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta. Dan jidher ċar ħafna mill-ewwel talba attriċi nnifisha. Għall-finijiet tal-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari, din l-azzjoni titlob kemm il-ħarsien ta' proċeduri qabel ma tista' tinfetaħ kawża bħal din u kif ukoll li l-azzjoni tinfetaħ fi żmien utli. Il-Qorti jidhrilha xieraq li tqis l-ewwel it-tielet eċċezzjoni preliminari u mbagħad, jekk ikun il-każ, tgħaddi biex tqis l-ewwel waħda;

Illi bit-**tielet eċċezzjoni preliminari** l-imħarrkin iqajmu n-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni attriċi minħabba nuqqas ta' ħarsien ta' dak li titlob il-liġi qabel ma kawża bħal din tallum tista' titressaq quddiem il-Qorti ħalli tismagħha. Din l-eċċezzjoni tistrieħ espressament fuq dak li jiddisponi l-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għal din l-eċċezzjoni, l-attur jilqa' billi jgħid li l-liġi kienet saret biex l-awtorità pubblika tkun taf x'inhu l-ilment li minnu tkun tilminta xi persuna u biex jingħata żmien lill-istess awtorità biex tipprovdi rimedju bla ma jkun hemm għalfejn tinfetaħ kawża. Huwa jgħid li l-Kumitat imħarrek kien jaf sa minn bosta xhur qabel x'kien qiegħed jitlob u x'kien l-ilment tiegħu għaliex, imċaħħad mill-Pass, huwa ma setax jidħol għax-xogħol fejn kien jaħdem qabel u li deherlu li kien hemm każijiet oħrajn fejn l-imsemmi Kumitat mexa mod ieħor ma' ħaddieħor minn sħabu. Għalhekk, jisħaq li ma kellux għalfejn joqgħod jibgħat ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju lill-imħarrkin biex jitlobhom jagħmlu xiħaġa li kien diġà ġie mgħarraf li ma kienx fi ħsiebhom jagħmlu;

Illi filwaqt li l-imħarrkin ressqu xhud[19] u prova dokumentali[20] li turi li l-attur ma kien interpella lil ħadd b'att ġudizzjarju fiż-żmien ta' għaxart (10) ijiem qabel fetaħ il-kawża, l-attur innifsu wkoll jistqarr li dan ma kienx għamlu. Għalhekk, bħala fatt, joħroġ li qabel ma nfetħet din il-kawża ma saret l-ebda intima ġudizzjarja kif jitlob l-artikolu 460(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

[18] Dok "I2", f'paġ. 55 tal-proċess
[19] Xhieda ta' Emanuel Sciriha f'paġġ. 60 – 1 tal-proċess
[20] Dok "ES1", f'paġġ. 58 – 9 tal-proċess

Illi is-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdieni li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha[21];

Illi l-Qorti tagħraf li min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu, u li tali azzjoni titressaq kontra dik l-awtorità li tkun giet interpellata[22];

Illi minn qari xieraq ta' kliem il-liġi, jissemma x'għandu jitlob att ġudizzjarju li għalih jgħodd l-artikolu 460(1). Il-liġi tgħid li f'dak l-att "il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar". B'dan, il-Qorti tifhem li mhux kull att ġudizzjarju jkun jgħodd bħala 'twissija' lill-awtorità pubblika għall-finijiet tal-imsemmi artikolu, iżda trid issir talba jew interpellazzjoni li tfisser sewwa x'inhu l-ilment li l-mittenti jistenna li l-awtorita' intimata tindirizza;

Illi l-fatt waħdu li r-Reġistratur tal-Qorti (forsi bla ma biss intebah li qiegħed imur kontra dak li tgħid il-liġi) laqa' għandu u mexxa 'l quddiem ir-Rikors Maħluf tal-attur, ma jġibx jiswa dak li b'rieda espressa tal-liġi ma jiswiex sa mill-bidu tiegħu[23];

Illi huwa minnu, kif jissottometti l-attur, illi l-iskop wara l-interpellazzjoni meħtieġa kontra l-Gvern hija maħsuba biex l-Gvern jew l-entitajiet pubbliċi jkunu jafu b'dak li qed jilmenta minnu l-attur, u għaldaqstant anke toħloq possibiltà illi jintlaħaq ftehim u tiġi evitata kawża bla bżonn[24], iżda min-naha l-oħra l-liġi hija preċiża dwar liema mill-atti ġudizzjarji l-imħarrek għandu jiġi interpellat bihom, l-ittra uffiċjali jew protest;

Illi l-Qorti tagħraf ukoll li kien hemm żmien meta l-fehma tal-Qrati kienet saħansitra li att ġudizzjarju mressaq bħala bidu ta' kawża kontra l-Gvern li ma jintweriex li ma jħarisx b'reqqa d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460, mhux biss huwa null imma ineżistenti għax ir-Reġistratur ma jmissux imqar laqgħu meta tressaq quddiemu[25]. Minbarra dan, ingħad li, sewwasew minħabba l-kliem

[21] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.377**)
[22] Ara Maġ. (Għ) AE **16.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs Suprintendent Mediku Sptar Ġenerali ta' Għawdex et*** (mhix appellata)
[23] P.A. **15.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.13**)
[24] Ara f'dan is-sens P.A. AE **28.03.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***H.P. Cole Limited vs. Malta Industrial Parks Limited*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-**31.1.2014**)
[25] Ara P.A. FGC: **5.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bellizzi vs Avukat Ġenerali*** (mhix pubblikata)

użat fl-artikolu in kwestjoni, in-nullità li jġib in-nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura li għandha ssir qabel ma jinġieb 'il quddiem l-att hija waħda assoluta li mhix sanabbli tal-proċediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imħarrek imma wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f'isimhom[26];

Illi jidher li l-attur jissottometti wkoll li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju hija għamla ta' azzjoni li għaliha jgħoddu l-eżenzjonijiet maħsuba fl-artikolu 460(2) tal-Kap 12, ladarba hija waħda li l-liġi tapplika proċedura partikolari u tiġi mħarsa minflokhom[27];

Illi l-imħarrkin iwarrbu dan l-argument u jisħqu li dak il-kliem jgħodd għal proċedimenti oħrajn imma mhux għal azzjoni taħt l-artikolu 469A;

Illi l-Qorti ma tistax tilqa' din is-sottomissjoni tal-attur. Il-fatt li l-artikolu 469A(3) jimponi żmien ta' dekadenza li fih trid titressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar azzjoni amministrattiva ma jfisser bl-ebda mod li b'daqshekk biss jitneħħa l-obbligu tal-parti attriċi li tinterpella lill-awtorità pubblika bil-mod maħsub fl-artikolu 460(1) qabel ma tiftaħ il-kawża. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attur kien mgħarraf minnufih meta ngħatat id-deċiżjoni tal-Kumitat imħarrek u għal darba darbtejn qabbad avukati biex jiktbulu biex iwarrab dik id-deċiżjoni u jerġa' jaħsibha. B'dawk l-ittri, madankollu, ma issodisfax il-ħtiġijiet mitluba fl-artikolu 460(1);

Illi l-Qorti żżid tosserva li l-każ li għandha quddiemha ma jaqa' taħt l-ebda wieħed mill-każijiet imsemmija fl-artikolu 460(2), u għaldaqstant tapplika r-regola stabbilita fl-ewwel subinċiż. Minbarra dan, tqis li din il-kawża hija waħda li, qabel il-bidu tagħha, titlob li jitħarsu l-proċeduri msemmija fl-artikolu 460(1). Għalhekk, ladarba dawn ma tħarsux, l-azzjoni tal-attur ma tiswiex[28] u l-Qorti ssib li t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti waslet f'din il-fehma, ma għandhiex għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ ukoll l-**ewwel eċċezzjoni preliminari**. Madankollu, jidhrilha li huwa xieraq tirrileva li d-deċiżjoni li ttieħdet dwar it-talba tal-attur biex jerġa' jingħata l-Pass, kienet ittieħdet f'Settembru tal-2010. Il-Kumitat imħarrek ma reġa' bidel qatt aktar il-fehma tiegħu u lanqas reġa' ħasibha. It-talbiet li saru f'isem l-attur kienu lkoll talbiet biex il-Kumitat jirrikonsidra;

---

[26] Ara P.A. FGC: **22.6.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Louis Vella et vs Ronald Grech et*** (mhix pubblikata)
[27] *Proviso* tal-artikolu 460(2) tal-Kap 12
[28] Ara App. Inf. PS **10.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Ellis et noe vs Kontrollur tad-Dwana*** u App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Domenico Savio sive Savio Spiteri vs Onor. Prim Ministru noe et***

Illi l-Qorti tqis li wieħed imissu jagħraf bejn każ fejn persuna tkun mgħarrfa b'deċiżjoni finali meħuda mit-tmexxija pubblika dwar xi talba tagħha u każ fejn dik il-persuna, għalkemm mgħarrfa b'deċiżjoni bħal dik, titlob lill-awtorità li tkun li terġa' taħsibha jew tirrikunsidraha. F'każ bħal dan, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni impunjata tkun waħda tabilħaqq aħħarija u dak li jkun għandu jieħu r-rimedju tal-istħarriġ minnufih u mhux joqgħod kull tant żmien jitlob ir-reviżjoni bil-għan li jibqa' jgħid li l-proċess għadu miftuħ. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-artikolu 469A innifsu (fis-sub-inċiż (2) tiegħu) jagħmilha ċara li, f'każ ta' nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika għal xi talba, ż-żmien jitqies li jibda għaddej b'seħħ minn xahrejn (jew żmien ieħor espressament mitlub minn xi liġi) minn meta ssir it-talba min-naħa taċ-ċittadin. Dan biex juri kemm il-liġi nnifisha, f'azzjoni bħal din, tfittex li ż-żminijiet għat-teħid tar-rimedju għad-deċiżjoni ma jibqgħux jiġġebbdu b'mod artifiċjali. Huwa biss jekk kemm-il darba r-rikonsiderazzjoni ta' deċiżjoni terġa' tiftaħ mill-ġdid il-proċess li jwassal għat-teħid ta' deċiżjoni oħra li jista' jingħad li d-deċiżjoni li mbagħad tittieħed tkun deċiżjoni ġdida li minnha wieħed jista' jgħid li beda jgħaddi ż-żmien mill-ġdid biex jiftaħ azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju[29];

Illi, b'mod partikolari, il-fatt li l-Kumitat imħarrek baqa' jisħaq li kien sejjer joqgħod mad-deċiżjoni li kien ħa dwar l-attur f'Settembru tal-2010, jixhed b'mod ċar li s-sitt xhur li trid il-liġi fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta – li huwa żmien perentorju u mhux preskrittiv – kien laqħaq għalaq sewwa sa meta l-attur qatagħha li jiftaħ din il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin u ssib li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex saret bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bl-**ispejjeż** kontra l-attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**16 ta' Mejju, 2019**

---

[29] App. Ċiv. **31.1.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi Antiques Ltd vs Iċ-Chairman tal-Malta Enterprise***

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**16 ta' Mejju, 2019**